31996R1158

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1158/96

tas-26 ta' Ġunju 1996

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1372/95 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 [2], u b'mod partikolari, l-Artikoli 3(2), 8 (12) u 25 (1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1372/96 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 180/96 [4], jistabbilixxi regoli dettaljati biex tiġi implimentata s-sistema tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur;

Billi huwa approprjat, fid-dawl ta' l-esperjenza, li jittejjeb il-metodu li għandu x'jaqsam mat-tressiq ta' l- applikazzjonijiet u mal-ħruġ tal-liċenzji b'posponiment fil-perjodu li fih jitressqu l-applikazzjonijiet u b'emenda fil-ġurnata tal-ħruġ tal-liċenzji;

Billi huwa neċessarju li dawn il-bidliet jiġu inkorporati fid-diversi klawsoli tar-Regolament (KE) Nru 1372/95;

Billi hemm bżonn li l-Kummissjoni titħalla tiffissa ġurnata oħra għall-ħruġ tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni meta ma jkunx possibbli li tinżamm il-ġurnata ta' l-Erbgħa minħabba raġunijiet amministrattivi;

Billi huwa neċessarju li l-proċedura rigward il-liċenzji li jinħarġu immedjatament imsemmija fl-Artikolu 4 tiġi ssimplifikata billi titneħħa l-limitazzjoni kwantitattiva ta' l-applikazzjonijiet u titħalla l-validazzjoni awtomatika ta' dawn il-liċenzji fejn il-Kummissjoni ma tkunx ħadet miżuri speċjali; billi huwa ġġustifikat li dawn il-liċenzji jiġu eskluži mill-possibbiltà li l-applikazzjoni tiġi rtirata filwaqt li jiġi ssettjat perċentwal wieħed ta' aċċettazzjoni sabiex jiġu evitati diffikultajiet amministrattivi;

Billi huwa neċessarju għal liċenzji li jinħarġu immedjatament, li jitħalla perijodu ta' stennija rigward l-għoti tar-rifużjoni, li matulu l-liċenzji jkunu jistgħu jiġu emendati, jekk hemm bżonn, skond il-miżuri speċjali meħuda mill-Kummissjoni;

Billi huwa neċessarju li r-rati tal-garanzija stabbiliti fl-Anness I jissodisfaw l-emendi reċenti fir-rati tar-rifużjoni;

Billi biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' l-operaturi fuq skala żgħira, il-limitu taż-żmien stabbilit biex jitressqu l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-esportazzjoni ex-post għall-flieles għandu jiġi mtawwal bi ftit;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1372/95 qiegħed jiġi emendat b'dan kif ġej:

1. L-Artikolu 3 qed jiġi emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 1 qed jinbidel bit-test li ġej:

   "1. Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-esportazzjoni jistgħu jitressqu għand l-awtoritajiet kompetenti mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa;"

   (b) fil-paragrafu 3, "It-Tnejn" qed tinbidel b' "l-Erbgħa";

   (ċ) it-test fil-paragrafu 6, it-tieni inċiż, qed jinbidel bit-test li ġej:

   "— jew jitlob il-ħruġ immedjat tal-liċenzja, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha toħroġha bla dewmien iżda mhux aktar kmieni mid-data normali tal-ħruġ għall-ġimgħa relevanti";

   (d) il-paragrafu li jmiss qed jiġi miżjud:

   "7. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ġurnata minbarra l-Erbgħa għall-ħruġ tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni meta ma jkunx possibbli li tinżamm din il-ġurnata."

2. L-Artikolu 4 qed jinbidel bit-test li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Fuq talba bil-miktub ta' l-operatur, filwaqt li titressaq l-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ immedjatament il-liċenzja li għaliha tressqet l-applikazzjoni billi tindika fis-sezzjoni 22 talanqas waħda minn dawn li ġejjin:

— Certificado de exportación expedido sin perjuicio de medidas especiales de conformidad con el apartado 4 del artículo 3 del Reglamento (CE) n.º 1372/95; la restitución deberá concederse al menos quince días laborables después de la fecha de su expedición

— Eksportlicens udstedt med forbehold af særforanstaltninger i henhold til artikel 3, stk. 4, i forordning (EF) nr. 1372/95; restitution ydes tidligst 15 dage efter udstedelsesdagen

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
[2] ĠU L 305, tad-19.12.1995, p. 49.
[3] ĠU L 133, tas-17.6.1995, p. 26.
[4] ĠU L 25, ta' l-1.2.1996, p. 27.

— Ausfuhrlizenz, erteilt unter Vorbehalt der besonderen Maßnahmen gemäß Artikel 3 Absatz 4 der Verordnung (EG) Nr. 1372/95; Erstattung frühestens fünfzehn Arbeitstage nach dem Tag der Erteilung zu gewähren

— Πιστοποιητικο εξαγωγης που εκδιδεται με την επιφυλαξη των ειδικων μετρων συμφωνα με το αρθρο 3 παραγραφος 4 του κανονισμου (ΕΚ) αρι. 1372/95, η επιστροφη που πρεπει να χορηγηθει το ενωριτερο δεκαπεντε εργασιμες ημερες μετα απο την ημερομηνια εκδοσεως του

— Export licence issued subject to any particular measures taken under Article 3 (4) of Regulation (EC) No 1372/95; refund to be granted at the earliest fifteen working days after the date of issuing

— Certificat d'exportation délivré sous réserve de mesures particulières en vertu de l'article 3 paragraphe 4 du règlement (CE) nº 1372/95; restitution à octroyer au plus tôt quinze jours ouvrables après la date de sa délivrance

— Titolo d'esportazione rilasciato sotto riserva d'adozione di misure specifiche a norma dell'articolo 3, paragrafo 4, del regolamento (CE) n. 1372/95; restituzione da concedere non prima che siano trascorsi quindici giorni lavorativi dalla data di rilascio del titolo

— Uitvoercertificaat afgegeven onder voorbehoud van bijzondere maatregelen als bedoeld in artikel 3, lid 4, van Verordening (EG) nr. 1372/95; de restitutie wordt niet vroeger dan 15 werkdagen na de datum van afgifte van het certificaat toegekend

— Certificado de exportação emitido sem prejuízo de medidas especiais em conformidade com o n.º 4 do artigo 3.º do Regulamento (CE) n.º 1372/95; restituição a conceder nunca antes de quinze dias úteis após a data da sua emissão

— Vientitodistus annettu, jollei asetuksen (EY) N:o 1372/95 3 artiklan 4 kohdan mukaisista erityistoimenpiteistä muuta johdu; tuki myönnetään aikaisintaan viidentoista työpäivän kuluttua antamispäivästä

— Exportlicens utfärdad med förbehåll för särskilda åtgärder enligt artikel 3.4 i förordning (EG) nr 1372/95. Bidrag skall beviljas tidigast femton arbetsdagar efter dagen för utfärdandet.

2. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet miżuri speċjali taħt it-termini ta' l-Artikolu 3(4) għall-ġimgħa in kwistjoni, il-liċenzja tiġi validata mingħajr formalitajiet oħra mill-Erbgħa ta' wara l-ġimgħa in kwistjoni.

3. Meta l-Kummissjoni tkun ħadet miżuri speċjali taħt it-termini ta' l-Artikolu 3(4) għall-ġimgħa in kwistjoni, l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom, li l-operatur irodd lura l-liċenzja biex din tiġi emendata fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri.

Għal dan il-għan, din għanda tikkanċella l-indikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandha tindika fis-sezzjoni 22 talanqas waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jekk ikun ġie ssettjat perċentwal wieħed ta' aċċettazzjoni:

— Certificado de exportación con fijación anticipada de la restitución por una cantidad de […] toneladas de los productos que se indican en las casillas 17 y 18

— Eksportlicens med forudfastsættelse af eksportrestitution for en mængde på […] tons af de i rubrik 17 og 18 anførte produkter

— Ausfuhrlizenz mit Vorausfestsetzung der Erstattung für eine Menge von […] Tonnen der in Feld 17 und 18 genannten Erzeugnisse

— Πιστοποιητικό εξαγωγής πον περιλαμδάνει του προκαορισμό της επιστροής για μία ποσότητα […] τόνων προϊόντων πον εμφαίνονται στα τετραγωνίδια 17 και 18

— Export licence with advance fixing of the refund for a quantity of […] tonnes of the products shown in sections 17 and 18

— Certificat d'exportation comportant fixation à l'avance de la restitution pour une quantité de […] tonnes de produits figurant aux cases 17 et 18

— Titolo d'esportazione recante fissazione anticipata della restituzione per un quantitativo di [....] t di prodotti indicati nelle caselle 17 e 18

— Uitvoercertificaat met vaststelling vooraf van de restitutie voor […] ton produkt vermeld in de vakken 17 en 18

— Certificado de exportação com prefixação da restituição para uma quantidade de […] toneladas de produtos constantes das casas 17 e 18

— Vientitodistus, johon sisältyy tuen ennakkovahvistus […] tonnille kohdassa 17 ja 18 mainittuja tuotteita

— Exportlicens med förutfastställelse av exportbidrag för en kvantitet av […] ton av de produkter som nämns i fält 17 och 18;

(b) jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ġew irrifjutati:

— Certificado de exportación sin derecho a restitución

— Eksportlicens, der ikke giver ret til eksportrestitution

— Ausfuhrlizenz ohne Anspruch auf Erstattung

— Πιστοποιητικό εξαγωγής χωρίς δικαίωμα για οποιαδήποτε επιστροή

— Export licence without entitlement to any refund

— Certificat d'exportation ne donnant droit à aucune restitution

— Titolo d'esportazione che non dà diritto ad alcuna restituzione

— Uitvoercertificaat dat geen recht op een restitutie geeft

— Certificado de exportação que não dá direito a qualquer restituição

— Vientitodistus ei oikeuta tukeen

— Exportlicens som inte ger rätt till exportbidrag.

4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(6) ma jgħoddux għal liċenzji maħruġa taħt it-termini tal-klawsoli ta' dan l-Artikolu.

5. Ir-rifużjoni għal liċenzji maħruġa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu tista' tingħata mill-aktar fis 15-il ġurnata xogħol wara d-data tal-ħruġ tagħhom."

3. L-Artikolu 7(1) qed jinbidel bit-test li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull nhar ta' Ġimgħa mit-13:00, permezz tal-*fax* u għall-perjodu preċedenti:

(a) l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-esportazzjoni bl-iffissar minn quddiem ta' rifużjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 li jkunu tressqu mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' l-istess ġimgħa;

(b) il-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu liċenzji ta' l-esportazzjoni l-Erbgħa ta' qabel;

(ċ) il-kwantitajiet li għalihom l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni jkunu ġew irtirati matul il-ġimgħa ta' qabel skond l-Artikolu 3(6)."

4. L-Artikolu 9 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza, il-kliem "ġurnata tax-xogħol" qed jinbidlu b' "jumejn tax-xogħol";

(b) fil-paragrafu 3, ir-referenza għall-Anness III qed tinbidel b'dik għall-Anness II.

5. L-Annessi qed jinbidlu bl-Annessi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni li l-applikazzjoni tagħhom tkun tressqet mill-1 ta' Lulju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS I

Il-kodiċi tal-prodott tan-nomenklatura tal-prodotti agrikoli għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni (1)	Il-kategorija	Ir-rata tal-garanzija (ECU/100 kg) Piż nett
0105 11 11 000 0105 11 19 000 0105 11 91 000 0105 11 99 000	1	—
0105 12 00 000 0105 19 20 000	2	—
0207 12 10 900	3	12 (2) 3 (3)
0207 12 90 190	4	12 (2) 3 (3)
0207 25 10 000 0207 25 90 000	5	3
0207 14 20 900 0207 14 60 900 0207 14 70 190 0207 14 70 290	6	3
0207 27 10 990	7	3
0207 27 60 000 0207 27 70 000	8	3

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru (ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p.1), parti 7.
(2) Għal destinazzjonijiet li jidhru fl-Anness III.
(3) Destinazzjonijiet oħra."

ANNESS II

"ANNESS II

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1372/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ — DG VI/D/3- Settur tal-laħam tat-tjur

Applikazzjoni għal liċenzja ta' l-esportazzjoni – Laħam tat-tjur

Min qed jibgħat:

Id-data:

Il-perjodu: It-Tnejn ... sal-Ġimgħa …

L-Istat Membru:

Il-persuna li għandha tiġi kkuntattjata:

It-telefon:

Il-fax:

Lil min qed tintbagħat: DG VI/D/3 — fax (322) 296 62 79 jew 296 12 27

— Il-Parti — Notifika ta' kull ġimgħa (biex timtela separatament għal kull kategorija)

Il-kategorija	Il-kwantità	Il-kodiċi tad-destinazzjoni (ġeonomenklatura)	Ir-rata tar-rifużjoni (ECU/100kg)	L-ammont totali tar-rifużjonijiet iffissati bil-quddiem
It-total ta' kull kategorija				

Il-kategorija	It-total tal-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom skond il-kategoriji

— Il-Parti B — Notifika ta' kull ġimgħa

Il-kategorija	It-total tal-kwantitajiet maħruġa skond il-kategoriji nhar ta' Erbgħa

— Il-Parti Ċ — In-notifika ta' kull ġimgħa

Il-kategorija	It-total tal-kwantitajiet irtirati skond il-kategoriji matul il-ġimgħa ta' qabel

— Il-Parti D — In-notifika ta' kull xahar

Il-kategorija	Il-kwantitajiet mhux użati "

ANNESS III

"ANNESS III

L-Angola

Is-Sawdi Arabja

Il-Kuwajt

Il-Baħrejn

Il-Qatar

L-Oman

L-Emirati Arab Maqgħuda

Il-Ġordan

Ir-Repubblika tal-Jemen

Il-Libanu

L-Iran"